

## Tibda l-Mixja Ma' San Mattew

Fl-ewwel Ħadd tal-Avvent, illi ċċelebrajna nhar il-Ħadd 28 ta' Novembru 2010, bdejna il-Lezzjonarju tas-Sena A, mibni fuq l-Evanġelju ta' San Mattew. Dan l-Evanġelju għandu l-karatteristiċi tiegħu illi jgħ inuna nifhmu aħjar il-messaġġ partikulari li Alla se jkun qed jgħaddilna fil-mixja ta' fidi li ser nagħmlu matul din is-sena liturġika.

1. San Mattew kien l-ewwel ktieb tat-Testment il-Ġdid li nkiteb, fis-sena 41, 8 snin biss wara l-Qawmien ta' Kristu;
2. Il-Vanġelu nkiteb għall-Insara Lhud, għall-komunita' tal-Palestina, illi bdew ikunu ippersegwitati mil-Lhud stess u allura, San Mattew ried isaħħaħhom fil-fidi anke jekk jitkeċċew mill-komunita' Lhudija u jġibilhom provi li Kristu huwa dak li kien imħ abbar fl-Antik Testment;
3. Is-simbolu tiegħu huwa l-Anġlu b' dehra ta' bniedem għaliex juri l-umanita' ta' Kristu bil-ġeneoloġija u t-twelid tiegħu, kif ukoll juri dejjem lil Ġesu' umli u manswet.

# Mill-Qaddejja Ġenerali tal-Komunita'

# IL-MARA TAL-AVVENT

***Tessie Buhagiar***



Qed nikteb waqt li qegħdin fin-Novena tal-Festa ta' Marija Immakulata, il-Patruna tal-Komunita' Dixxipli ta' Ġesu'. Qegħdin ukoll fi żmien l-Avvent. Il-Papa, fil-bidu ta' dan iż-żmien, sejjaħ lil Marija Santissma *"il-Mara tal-Avvent"*. Din ir-referenza għall-*"Mara"* fakkritni fl-Ittra Pastorali li l-Papa Ġwanni Pawlu II kiteb fl-okkażjoni tas-Sena Marjana tal-1988, dwar id-Dinjita' u l-Vokazzjoni tal-Mara. Għalhekk erġajt mort naqra' din l-eżortazzjoni tant attwali (minkejja li għaddew minn fuqha tant snin) u tant profonda, u ħsibt li naqsam magħkom xi riflessjonijiet.

L-ewwel referenza għall-*"Mara"* insibuha fil-ktieb tal-Ġenesi, fil-ġnien tal-Eden fejn, bejn Alla u l-bniedem, kien hemm rabta speċjali. Id-dnub fixkel din ir-relazzjoni, mhux biss bejn Alla u l-bniedem, imma wkoll bejn Adam u Evan innifishom. Ħarbat dik ir-relazzjoni tal-*"bidu"*, li kienet sinonima mad-dinjita' tagħhom bħala persuni, bħala raġel u mara, maħluqa fuq ix-xbieha ta' Alla, iġifieri li *"hu msejjaħ għall-oħrajn, biex jagħti lilu nnifsu lill-oħrajn"* (MD art.7).

L-ewwel tħabbira tar-rebħa fuq id-dnub turi biċ-ċar is-sehem tal-*"Mara"* fil-ġlieda u fl-istess ħin fil-wegħda tas-salvazzjoni: *"Jiena nqajjem mibgħeda bejnek u bejn il-Mara, bejn nislek u bejn nisilha, u hu jisħaqlek rasek u int tisħaqlu għarqubu"*. Din il-wegħda twettqet bi Kristu l-Feddej; Kristu imwieled minn *"Mara"*, minn Marija.

Li laqgħatni f' din il-meditazzjoni tal-Papa, hu li Marija turina b' xi mod li aħna rridu mmorru għal dak il-*"bidu"*, fejn il-bniedem jerġa' jkun fi ħdan it-Trinita' Qaddisa. F' dan Marija hija l-Mera u l-Mudell tagħna. Hija l-Mera tal-pjan ta' Alla li kien mill-bidu, kif ifissirulna San Pawl fl-Ittra lill-Efesin: *"Hu għażilna fiH, sa minn qabel il-holqien tad-dinja, biex inkunu qaddisa u bla tebgħa quddiemu fl-imhabba"* (1:1-5). Hija wkoll Mudell għax turina l-mod kifnistgħu nerġgħu lura mill-ġdid lejn l-istat tal-bidu: *"meta wieħed jingħaqad ma' Kristu jsir ħolqien ġdid, il-qadim għadda u daħal il-ġdid. Kollox ġej minn Alla li ħabbibna miegħu innifsu permezz ta' Kristu"* (2Korintin 5:17).

*"Alla bagħat lil Ibnu imwieled minn Mara"* (Galatin 4:4). Fit-tħabbira tal-Anġlu u fit-tweġiba tagħha, *"Hawn jiena, il-qaddejja tal-Mulej; ħa jsir minni skont kelmtek"*, Marija wriet l-għarfien tagħha għall-Grazzja kbira li ġiet mogħtija lilha biex taqdi fil-Pjan tas-Salvazzjoni. Għalhekk, din il-*"Mara"* għandha rabta kbira mall-Misteru ta' Kristu u mall-Misteru tal-Knisja, il-Ġisem Mistiku Tiegħu.

Minn din il-meditazzjoni ridt nislet żewġ ħsibijiet. Marija, *"il-Mara tal-Avvent"* turina FEJN irridu naslu (fil-qalb ta' Alla); u KIF naslu hemm (billi naqdu l-parti tagħna fil-Pjan tas-Salvazzjoni). F' dan il-vjaġġ ta' tama u ta' stennija, Marija, il-*"Mara"* tqila (mimlija bil-grazzja u l-ħajja ġdida, li qed tissawwar f' ġufha, biex ma ddumx ma twellidha u tagħtiha lilna), qegħda magħna li aħna mtaqqla bid-dnub u spiss naqtgħu qalbna. Dan ikompli jkabbar fija l-imħabba lejn Marija, *"il-Mara tal-Avvent"*, u l-bżonn li nħoss tagħha fil-mixja tiegħi lejn dak li tixtieq twassalni. Dan nixtiequ lilkom ukoll.